MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**LOFARO ABIGAIL LL.D., DIP. STUD. REL., MAG., JURIS (EU LAW)**

Seduta ta' 10 ta' Ottubru, 2002

Numru 185/1999

Il-Pulizija
(Spettur Dominic Micallef)
vs
Sharmane Grech D'Amato

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata fuq imsemmija Sharmane Grech D'Amato, imwielda fid-19 ta' Dicembru 1977 u dententrici tal-karta tal-identita numru 22178M, li permezz taghhom hija giet akkuzata talli fit-30 ta' Lulju 1997 u jew fix-xhur ta' qabel approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra f'affarijet li jammontaw ghal Lm3000, minn haga ta' haddiehor cioe' ta' Lorraine Cuschieri li giet fdata lilha jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga, jew li jsir uzu minnha;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmija twiegeb li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda kollha li tressqu;

Rat il-provi kollha illi gew prodotti f'dan il-kaz, id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi din it-talba inbdiet mill-prosekuzzjoni fil-5 ta' Marzu, 1999. Madanakollu l-Prosekuzzjoni irnexxielha tinnotifika lill-imputata biss ghas-seduta tas-27 ta' Lulju, 2001, jigifieri aktar minn sentejn wara illi ipprezentat c-citazzjoni fir-registru ta' din il-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Frar, 2002 u rat illi l-avukat difensur tal-imputata issottometta illi l-kaz odjern kien jirrigwarda l-akkuza ta' misapproprjazzjoni, liema akkuza skond il-Ligi kienet tenhtieg il-kwerela tal-parti leza u ghalhekk il-kaz huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 688 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat :

Illi effettivament l-Artikolu 293 tal-Kap. 9 illi jikkontempla r-reat ta' misappropjazzjoni jispecifika illi ma tistax tittiehed azzjoni mill-pulizija dwar dan ir-reat minghajr ma jkun hemm il-kwerela tal-parti leza.

Illi fil-kaz odjern il-parti leza kienet Lorraine Cuschieri illi qatt ma giet notifikata sabiex tidher f'dawn il-proceduri u effettivament qatt ma dehret u inoltre l-ufficjal prosekutur naqas milli jesebixxi l-kwerela tal-partijiet, dejjem jekk din il-kwerela tezisti.

Illi ghaldaqstant il-Qorti ma ghandha l-ebda alternattiva hlief illi **tillibera** lill-imputata minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Illi l-Qorti tinnota b'dispjacir illi dan il-kaz ma giex ippruvat proprju tort tal-Ufficjal Prosekutur, illi qajla kien jidher f'dawn il-proceduri, qatt ma innotifika lill-parti leza u kif diga intqal qatt ma esebixxa f'dawn il-proceduri il-kwerela tal-parti leza. Dan l-agir wassal ghal telf tal-hin tal-Qorti u ghal spejjez inutili.
(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur